MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Numru 5749/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Philip Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-29 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab, a tenur ta' l-artikolu 575(4A) tal-Kodici Kriminali li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-imsemmi Philip Camilleri;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta’ l-Ispettur Geoffrey Azzopardi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, u cioe` lil Dott. Stephen Tonna Lowell ghar-rikorrent u lil Dott. Louis Bianchi ghall-intimat;

Ikkunsidrat:

Jirrizulta illi fis-6 ta’ Gunju 2005 l-intimat tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja akkuzat b’tentattiv ta’ serq aggravata bil-mezz, lok u valur li jeccedi l-Lm1,000 u hsara volontarja li tiskorri l-Lm10 izda mhux il-Lm50. L-intimat talab il-helsien mill-arrest u l-prosekuzzjoni oggezzjonat “stante li hemm xhieda pajzana li ghad iridu jixhdu. Inoltre jirrizulta lill-pulizija illi l-imputat kien mghejjun minn persuni ohra waqt il-kommissjoni tal-allegati reati u b’hekk tista’ tigi mfixkla l-investigazzjoni tal-pulizija anke in vuista tal-fatt illi l-imputat ma kkoopearx mal-pulizija”. F’dak l-istadju l-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba.

Fid-9 ta’ Gunju 2005 l-intimat ippresenta rikors fejn mill-gdid talab il-helsien mill-arrest, l-Avukat Generali oggezzjona “stante periklu ta’ intralc fil-provi galadarba x-xhieda pajzana, u senjatament tal-allegat vittma, ghadha ma gietx kumpilata, kif ukoll periklu ta’ ripetizzjoni ta’ kommissjoni ta’ reati”, u l-Qorti tal-Magistrati rrizervat li tipprovdi seduta stante wara li jkun instema’ x-xhud principali. Fil-fatt fil-15 ta’ Gunju 2005 gie akkordat lill-intimat il-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet, fosthom li jirrapporta l-ghassa ta’ Haz-Zebbug kuljum bejn il-5.00 p.m. u s-6.00 p.m. u jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mill-11.00 p.m. u ma johrogx qabel l-ghada fis-7.00 a.m.

Fid-9 ta’ Dicembru 2005 gie pprezentat rikors mill-Kummisarju tal-Pulizija fejn talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-helsien mill-arrest kif ukoll il-konfiska tad-depozitu ta’ Lm100 u tas-somma ta’ Lm300 garanzija personali favor il-Gvern ta’ Malta. Il-Qorti tal-Magistrati, wara li semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-ispjegazzjoni ta’ l-intimat, billi rrizultalha li l-intimat fil-fatt kiser il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest – senjatament illi naqas milli jiffirma l-ghassa diversi drabi, illi nqabad

barra mill-Pulizija wara l-11.00 p.m. f'zewg okkazjonijiet u ma nstabx id-dar mill-Pulizija diversi drabi fil-hin li suppost kien rinkazat, ordnat "li jibqa' arrestat tul dawn il-proceduri" u ordnat "il-konfiska ta' Lm100 depozitati fir-registru tal-Qorti u fic-cirkostanzi peress illi l-privazzjoni tal-liberta` provvizorja hija gia` sanzjoni iebsa", ma tat l-ebda provvediment dwar it-Lm300 garanzija personali.

Fid-19 ta' April 2006 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi filwaqt illi d-difiza talbet differiment sabiex tirregola l-provi taghha. L-ghada l-intimat ipprezenta rikors fejn talab mill-gdid li jigi akkordat il-helsien mill-arrest u l-prosekuzzjoni oggezzjonat "stante li mhux permess mil-ligi li persuna lit kun tilfet il-beneficcju tal-helsien mill-arrest terga' tinghata l-bail". Fit-28 ta' April 2006 pero` l-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba u akkordat lill-intimat il-helsien mill-arrest. Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2006, l-ufficjal prosekutur sar jaf bid-digriet tat-28 ta' April 2006 u nforma lill-Avukat Generali li ntavola r-rikors odjern a tenur ta' l-artikolu 575(4A) tal-Kodici Kriminali.
Issa, l-artikolu 575 (4A) jipprovdi:

"Meta l-Qorti tal-Magistrati, sew bhala qorti ta' gudikatura kriminali sew bhala qorti istruttorja, taghti l-helsien mill-arrest lill-persuna taht arrest jew fi zmien li jigi wara temenda l-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, id-decizjoni tal-qorti f'dak ir-rigward ghandha tigi notifikata lill-Avukat Generali sa mhux aktar tard mill-gurnata tax-xoghol li tigi minnufih wara u l-Avukat Generali jista' b'rikors jitlob lill-Qorti Kriminali biex jikseb l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-persuna lit kun giet hekk mehlusa jew biex jemenda l-kondizzjonijiet, inkluz l-ammont li jithallas bhala garanzija, li setghu gew stabbiliti mill-Qorti tal-Magistrati".

Il-ligi mela hija cara. Meta l-Qorti tal-Magistrati tat id-digriet tat-28 ta' April 2006 li permezz tieghu akkordat mill-gdid il-helsien mill-arrest lill-intimat, dak id-digriet <u>kellu jigi notifikat lill-Avukat Generali fi zmien gurnata tax-xoghol</u>. L-abbli difensur tar-rikorrent pero` ssottometta illi huwa ma kienx sejjer jghid illi persuna ghandha tigi riarrestata ghax ma gewx osservati kwistjonijiet ta' natura procedurali u

enfasizza illi l-oggezzjoni tieghu ghall-helsien ta’ l-intimat mill-arrest kien bazat fuq in-nuqqas ta’ affidabilita` tieghu.

Ukoll, kuntrarjament ghal dak li qal l-ufficjal prosekutur meta oggezzjona li l-intimat jerga’ jinghata l-helsien mill-arrest, l-abbli difensur tar-rikorrent ghamel referenza ghal dak li gie deciz mill-Onor. Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-27 ta’ Marzu 2003 fl-ismijiet **Dr. Patrick Spiteri vs L-Avukat Generali et** fis-sens illi l-artikolu 581 tal-Kodici Kriminali jivvjola d-drittijiet tal-liberta` tar-rikorrent f’dak il-kaz. Issa, f’dik is-sentenza, l-Onor. Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

“galadarba l-arrest pendenti l-proceduri huwa biss gustifikat jekk ikun hemm ragunijiet validi skond il-ligi ghalih, persuna lit kun arrestata sia jekk ghax ma nghatatx *bail* u sia jekk tkun inghatat il-liberta` provvizorja izda tilfitha ghax kisret kundizzjoni (ta’ konsegwenza serja) ta’ dak il-*bail* ghandha dejjem id-dritt li tirrikorri quddiem l-awtorita` gudizzjarja biex b’mod spedit tigi sindakata l-legalita` tal-<u>kontinwazzjoni</u> ta’ dak l-arrest. Din il-Qorti mhix qed tghid, naturalment, li min jikser il-kondizzjonijiet tal-*bail* ghandu jerga’ jinghata l-helsien mill-arrest; <u>bhala regola</u> il-fatt li dak li jkun ikun kiser kundizzjoni ‘ta’ konsegwenza serja’ tkun konsiderazzjoni li tippeza gravement <u>kontra</u> l-ghoti tal-helsien mill-arrest mill-gdid, ghax dak li jkun ikun wera li huwa persuna inaffidabbli; u f’cirkostanzi simili wiehed jista’ legittimament jargumenta u jikkonkludi li l-perikolu tal-harba, jew ta’ intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, jew ta’ perikoli ohra li jiggustifikaw l-arrest pendenti l-proceduri, ikun *pro tanto* zdied. Pero` mhux inkocepibbli sitwazzjoni, per ezempju, fejn wara li persuna tigi riarrestata taht l-artikolu 579, il-prosekuzzjoni titlef l-interess kollu fil-kaz, b’mod li ma tibqax tipprosegwixxi l-kaz *‘with due diligence’* u ghalhekk tigi nieqsa ghal kollox kwalsiasi raguni ghaz-zamma ta’ dik il-persuna taht arrest’; jew altrimenti jigu nieqsa ghal kollox *‘[the] relevant and sufficient reasons to justify his continued detention’*. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-mod assolut kif inhu redatt l-artikolu 581 tal-Kodici Kriminali jivvjola d-dritt, garantit bl-artikolu 5(4) tal-Kovenzjoni, ta’ persuna lit kun giet riarrestata taht l-artikolu 579 tal-Kodici

Kriminali li taghmel proceduri biex il-legalita` tad-detenzjoni taghha tigi deciza malajr minn qorti".

Huwa minnu illi f'dan il-kaz, meta l-Qorti tal-Magistrati ddecidiet li tirrevoka l-helsien mill-arrest permezz tad-digriet taghha tat-30 ta' Jannar 2006, dan ghamlitu ghax dehrilha li l-intimat kien kiser kundizzjonijiet "ta' konsegwenza serja". Mill-banda l-ohra, jidher evidenti illi meta akkordat lill-intimat mill-gdid il-helsien mill-arrest bid-digriet tat-28 ta' April 2006, dan ghamlitu fid-diskrezzjoni taghha ghax dehrilha illi f'dak l-istadju kienu nieqsa *"the relevant and sufficient reasons to justify his continued detention"*. Jidher, per ezempju, illi l-prosekuzzjoni kienet ikkonkludiet il-provi taghha u ghalhekk difficilment seta' wiehed jitkellem aktar dwar intralc tal-provi. Inoltre jekk, meta nghata l-imsemmi digriet, ic-cirkostanzi kienu l-istess bhal dawk imsemmijin bir-responsabbilta` kollha quddiem din il-Qorti mill-abbli difensur ta' l-intimat, u partikolarment in vista ta' l-ghajnuna li l-intimat irrikorra ghaliha minghand il-CARITAS, id-decizjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati kienet gustifikata.

Ghaldaqstant it-talba ta' l-Avukat Generali kontenuta fir-rikors tad-29 ta' Mejju 2006 qed tigi michuda b'dan illi (1) ir-Registratur ta' din il-Qorti ghandu jikkonsenja lill-intimat kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Lulju 2006 kontenenti l-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u li ghandhom jinqraw u jigu spjegati lilu mill-istess Registratur u (2) l-intimat ghandu permezz ta' nota pprezentata f'dawn l-atti jindika l-post ta' residenza tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------